L-ISKULTUR VINCENZO DIMECH U L-ISTATWA TA' SAN PUBLJU FIL-FURJANA

OLIVER FRIGGIERI



Vincenzo Dimech twieled fil-belt Valletta fid-29 ta' Ġunju tal-1768 minn Francesco Dimech u martu Siniforosa. Tgħammed l-għada, 30 ta' Ġunju, fil-Knisja ta' San Duminku, Valletta, minn Patri Vincenzo Sinatra, Dumnikan, u ngħata l-ismijiet ta' Vincentius, Bartholomeus, Fabritius, Petrus, Paulus. Missieru kien jaħdem ta' skultur, u Vincenzo beda t-taħriġ fl-arti taħt it-tmexxija tiegħu. Jingħad li ssokta l-istudji f'Napli, fejn tħarreġ fil-mudell.

Kuġinuh hu l-iskultur u pittur magħruf Sigismondo Dimech (1780-1853) minn Ħal-Lija. Fost l-istudenti ta' Sigismondo kien hemm Salvu Dimech (1805-1887), skultur ta' isem, imlaqqam is-Sartx. Vincenzo miet fil-belt Valletta fit-2 ta' Frar, 1831 u ndifen fiċ-ċimiterju tal-knisja ta' Santa Tereża, Bormla. Huwa kellu rabtiet kbar ma' Bormla, kemm familjari u kemm artistiċi.

IX-XBIHA RARI TA' DIMECH

Ix-xbiha rari ta' Dimech li qiegħda tidher ma' din il-kitba hi litografija ta' Giuseppe Calleja (1830-1915), pittur u għalliem tal-arti fil-Liċeo, Valletta, l-awtur, fost bosta xogħlijiet oħra, tal-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu fil-knisja parrokkjali tal-Furjana, magħmul skont disinn u taħt it-tmexxija ta' Giuseppe Hyzler fl-1854. Ix-xbiha ta' Dimech dehret fil-paġna 5 tal-ħarġa tas-7 ta' Marzu 1863 tar-rivista kulturali "L'Arte", maħluqa mill-kittieb u filosfu Dr. Nikola Zammit, li matul l-94 edizzjoni tagħha mill-1862 sa l-1866 fakkret għadd ta' persunaġġi Maltin.

XOGĦLIJIET TA' XEJRA NAZZJONALI

Vincenzo Dimech iddistingwa ruħu bħala wieħed mill-iskulturi ewlenin ta' Malta fl-ewwel nofs tas-seklu dsatax. "Vincitore in ogni competenza artistica, il suo merito era riconosciuto dalla generale opinione, e si' presso il governo che presso il pubblico la sua abilità aveagli guadagnato una dittatura nell'arte."

"Dittatura", fil-kuntest soċjo-artistiku ta' dak iż-żmien tfisser, qabel xejn, li kien imfittex bħala statwarju ta' xogħlijiet nazzjonali, ekkleżjastiċi u ċivili u mhux privati. Din hi fama li setgħet isseddqet bis-saħħa tal-ħidma tiegħu fl-Università bħala għalliem tal-arkitettura u tal-iskultura, stqarrija mwettqa kemm mill-bijografu ta' "L'Arte" u kemm minn Zerafa, it-tnejn kittieba li kitbu ftit għexieren ta' snin biss wara l-mewt tal-artist.

L-ISTORJA TAL-ISTATWA TA' SAN PUBLJU

It-tradizzjoni Furjaniża temmen li Dimech ħadem l-istatwa fl-ewwel post li hemm fi Triq il-Miratur (illum nru 57, u qabel 55 Strada Miratore), kantuniera ma' Triq San Publju. Jingħad li I-iskultur kien imdorri jixrob l-inbid li jnewlulu minn waqt għall-ieħor il-Furjaniżi hu u jaħdem l-istatwa. Safejn hu magħruf u fin-nuqqas ta' dokument miktub, datazzjoni tal-istatwa tistrieħ fuq dak li jingħad minn persuni li jsostnu li lemħu s-sena 1811 u l-inizjali V.D. (isem u kunjom l-artist) imnaqqxa f'nofs il-iljun tal-istatwa meta dan inqasam bil-ħsara li ġarrab bil-gwerra meta nhar it-28 t'April 1942 intlaqtet il-knisja.

Iż-żewġ xhieda ewlenin li kitbu dan huma Antonio Agius (1899 - 1987) u E. S. Tonna (1911 - 1992). Tonna kiteb ukoll: "Dwar l-istess data Toni Caruana ("Il-Bomba"), li kien prokuratur tagħha, kien sab din id-data fil-ġenb tal-iljun meta dan infired mill-korp permezz tal-*blast*, u qalli huwa stess u wrieni fejn."

Lil hinn mil-limiti ta' din ix-xhieda okulari reċenti, il-fehma ġenerali qabel din kienet li l-istatwa nħadmet madwar l-1815. Skont Salvu Maggi (1904 - 1974), Furjaniż li kien jinteressa ruħu ħafna fis-subborg u li ħalla xi manuskritti ta' tifkiriet ta' żmienu, l-istatwa nħadmet minn zokk kbir li jingħad li kien għamel xi żmien mitluq f'xi parti mill-Port tal-Marsa wara li ddaħħal hemm mill-maltemp.

Meta tnisslet l-idea ta' din l-istatwa, xi Furjaniżi tellgħuh b'festa u ħaduh fil-post fejn sa ftit ilu kien magħruf bħala l-"Welcome", il-kamra fejn Dimech kellu jibda x-xogħol. Salvu Maggi kien f'qagħda li jkun jaf dan id-dettal mhux biss minħabba l-interess tiegħu, iżda wkoll għax missieru Ġużeppi, imwieled fl-1877, kien neguzjant tal-merċa (kellu wkoll ħanut fil-Furjana fi Triq San Frangisk ma' Triq is-Suq, jiġifieri qrib ix-Xatt) u minħabba x-xogħol tiegħu kien midħla ħafna tal-Marsa.

Minbarra t-tinqix fl-injam, l-istatwa fiha wkoll ix-xogħol tal-induratura, kompjut skont disinn imfassal mill-induratur innifsu. Dan sar minn ċertu induratur Farrugia mill-Imdina li kellu żewġ kmamar tax-xogħol fil-belt Valletta, waħda fi Triq San Kristofru u l-oħra fi Triq San Pawl. Skont tagħrif imgħoddi lili minn Publju Magro mill-Furjana, hu nnifsu skultur u induratur, fost l-alljievi ta' Farrugia kien hemm Tumas Bugeja, missier Pawlinu Bugeja mir-Rabat, l-artist li Magro tgħallem taħtu.

Magro jsostni li Farrugia ta d-disinji oriġinali ta' Farrugia lil Tumas Bugeja, u dan għaddiehom lil ibnu Pawlinu, li mbagħad tahom lil Magro. Dawn id-disinji huma tal-istola, il-mitra u l-kappa. Id-disinji tal-bizzilla tal-komma u tal-kamżu għaddew għand Magro wkoll, iżda għad li kienu għand Farrugia, li għamel il-bqija, m'humiex xogħol tiegħu.

L-ISTATWA MILQUTA MILL-ATTAKK FUQ IL-KNISJA FIL-GWERRA

Fit-tieni gwerra dinjija l-istatwa mhux biss ġarrbet ħsara ġmielha mill-*blast* tal-ħbit mill-ajru fuq il-Knisja, iżda kieku ma twaqqafx "*blast wall*" b'ordni ta' E.S. Tonna, li kien il-"Protection Officer" tal-Furjana fiż-żmien, l-istatwa setgħet inqerdet għal kollox. Tonna jikteb li s-Sibt, 3 ta' Mejju 1941 sar rejd fuq il-Furjana.

F'tagħrif bil-miktub li tani mogħti lis-sur Hamilton minn ommu, hu jiftakar ukoll lil ħuh Robbie, li kien ħabib ta' Ġanni u Ġużeppi Aquilina, it-tfal tat-tfal ta' Salvatore Aquilina, jgħid li l-istatwa nħadmet minn injam irqiq.

Minbarra t-tinqix fl-injam, l-istatwa fiha wkoll ix-xogħol tal-induratura, kompjut skont disinn imfassal mill-induratur innifsu. Dan sar minn ċertu induratur Farrugia mill-Imdina li kellu żewġ kmamar tax-xogħol fil-belt Valletta, waħda fi Triq S. Kristofru u l-oħra fi Triq S. Pawl. Skont tagħrif imgħoddi lili minn Publju Magro mill-Furjana, hu nnifsu skultur u induratur fost l-alljievi ta' Farrugia kien hemm Tumas Bugeja, missier Pawlinu Bugeja mir-Rabat, l-artist li Magro tgħallem taħtu.

Magro jsostni li Farrugia ta d-disinji oriġinali ta' Farrugia lil Tumas Bugeja, u dawn għaddiehom lil ibnu Pawlinu, li mbagħad tahom lil Magro, għand min jinsabu llum. Dawn id-disinji huma tal-istola, il-mitra u l-kappa. Id-disinji tal-bizzilla tal-komma u tal-kamżu għaddew għand Magro wkoll, iżda għad li kienu għand Farrugia, li għamel il-bqija, m'humiex xogħol tiegħu.

Tirqim fl-istatwa, imqar jekk dan ma messx ix-xogħol oriġinali fl-injam ta' Dimech, sar għall-okkażjoni tad-dsatax-il mitt sena mill-martirju tal-qaddis (30 ta' Gunju - 4 ta' Lulju, 1925), festi li tħabbru mill-prokuratur tal-knisja, Dun Pupull Farrugia, fl-1922. Waqt li jitkellem dwar bosta tħejjijiet oħra, Salvu Maggi jikteb:

"Saru ħafna xogħlijiet u opri ġodda, fosthom l-induratura tal-vara ta' San Publju, l-induratura "a fuoco" tal-baklu, il-kuruna u l-palma ta' idejn l-anġli; saru s-sandli tad-deheb ta' San Publju, il-ġemmi tal-mitra li jikkonsistu fit-tipażi u granadi li nġabru waħda waħda bil-prezz ta' £1 kull tipazju u 15-il xelin kull granada u (għandi x-xorti li jiena waħħalthom fil-mitra) dawn il-ġemmi huma ngastati ġo nforra tad-deheb u magħhom għandhom issaldat vit tal-bronż li jiena kont id-dubbajt mill-"Black Shop" u ħariġhomli mit-Tarzna Carmelo Farrugia.

Sar iċ-ċoff tal-ġhonq ta' San Publju, dan magħmul bid-deheb u djamanti (£80), saret rożetta tad-djamanti, rigal ta' persuna li ma riditx turi isimha, sar is-salib tat-tipazi tas-sandli ta' saqajn San Publju, saru erba' gastri tal-fidda u l-bukketti tagħhom tal-ganutell, rigal tas-sur Publio Cini..." Għal dan it-tirqim tal-1925, l-istatwa tħalliet f'idejn l-iskultur Abram Gatt minn Bormla, li kellu jdurha mis-susa, minn xi brix u għabra.

Nerġgħu dwar żmien il-gwerra. L-istatwa mhux biss ġarrbet ħsara ġmielha mill-*blast* tal-ħbit mill-ajru fuq il-knisja, iżda kieku ma twaqqafx *blast wall* b'ordni ta' E.S. Tonna, li kien il-*Protection Officer* tal-Furjana fiż-żmien, l-istatwa setgħet inqerdet għal kollox. Tonna jikteb li s-Sibt, 3 ta Mejju tal-1941 sar rejd fuq il-Furjana bejn id-8.45 p.m. u l-10.45 p.m., u splodiet *mine* quddiem il-knisja. Il-*blast* sfronda l-bibien tal-faċċata tal-knisja u ċċarrat ukoll il-kwadru tat-titular.

Tonna talab minnufih lill-perit Frank Caruana Galizia u lill-foreman Ġużeppi Micallef minn Birkirkara biex jagħlqu l-bibien bi *blast walls* u dawn ikkoperaw. Sar ukoll *blast wall* (doblu) ieħor quddiem in-niċċa tal-qaddis. Iżda billi ma kienx magħruf li fin-niċċa tal-kappellun tal-Kurċifiss kien hemm tieqa li tagħti għan-niċċa tal-istatwa, ma nbeniex *blast wall* hemm ukoll, u kien dan in-nuqqas li wassal għall-ħsara.

"Meta sar ir-rejd fuq il-knisja fit-28 t'April 1942 fit-8.00 a.m. u l-kappellun tal-Kurċifiss ġie milqut sewwa, il-*blast* sfoga fuq in-niċċa, daħal mill-ventilatur u mbotta l-istatwa għal fuq il-*blast wall* ta' quddiemha, u baqgħet poġġuta miegħu sakemm ġew bosta rġiel, ħattew il-*blast wall* u ħarġu l-istatwa mkissra kif kienet mill-bieb tal-ġenb ta' Strada San Publio, għabbewha fuq trakk u ħaduha l-knisja tan-Naxxar fejn damet kważi sentejn.

Wara li sar dan, dak innhar stess fil-għodu jiena, l-Arċipriet Ghigo u Dun Ġużepp Grech morna l-"Blue Sisters" biex nagħtu relazzjoni ta' dak li ġara f'dik il-ġurnata fatali lill-Arċisqof M. Caruana. Missieri Charles (1912-1990) jirrakkonta hekk dwar dan il-każ: "Kont riesaq lejn il-knisja u lmaħt il-vara ħieraġ minn bieb tal-ġenb. Kien fil-għodu, għallħabta tal-għaxra jew il-ħdax. Ftit li xejn kien hemm nies, u l-istatwa kienet f'qagħda tal-biki, mimlija għabra u ħsara. L-anġli kienu maqlugħa. Tassew kienet dehra kerha tara opra tant sabiħa f'dik il-qagħda miżerabbli. Li kieku ma kienx il-*blast wall* li waqqaf is-sur Tonna, l-istatwa nqerdet". Kollox ma kollox, u fid-dawl tal-perikli kbar li kellha fejn kienet, l-istatwa ma messithiex xorti ħażina ħafna, kif messet lill-opri artistiċi oħrajn f'Malta matul il-gwerra.

Meta l-istatwa ngiebet lura min-Naxxar, tqiegħdet fil-kappellun tal-Karmnu u bdiet tissewwa minn ċertu mastrudaxxa Furjaniż, Toni Muscat, iżda r-restawr ma setax isir minnu, u sar minn Santu Tonna mir-Rabat, waqt li l-pedistall, l-iljun u l-anġli ssewwew minn Nazju Cefai.

F'tagħrif ieħor mogħti lili bil-miktub fit-8 ta' Awwissu 1984, Chev. Tonna jirrakkonta l-atmosfera li nħolqot meta għall-ħabta tat-tmienja nieqsa ħames minuti ta' filgħodu tat-28 ta' April, 1942 intlaqtet il-knisja b'ħidma tal-għadu. Ħin bla waqt ħafna Furjaniżi daħlu geġwiġija waħda fil-knisja. Ħafna bdew jibku waqt li qatgħa rġiel bdew jaraw x'jistgħu jagħmlu bla ma kienu jafu minn fejn kienu sa jibdew.

Tonna jsemmi t-tifkiriet ta' Ġużeppi Alamango, bin Ġużeppi u Rosina mwielda Fenech. Ġużeppi, Furjaniż, fratell tal-fratellanza tas-Santissmu Sagrament u ta' San Publju, kellu sbatax-il sena f'dak iż-żmien. Dak innhar inzerta li ma marx għax-xogħol u baqa' malfamilja tiegħu fix-xelter, sewwa sew fil-mina tal-ferrovija, meqjus bħala l-aħjar xelter fil-Furjana.

Ġużeppi daħal il-knisja mill-bieb tan-naħa ta' Balzunetta. Huwa ra li l-istatwa ta' San Publju, imċaqalqa, kienet ġiet imbuttata minn wara bir-riħ tal-*blast*, u għalhekk kienet mixħuta fuq ġenb. Ġużeppi Alamango jirrakkonta: "L-istatwa kienet qiegħda tistrieħ malħajt tan-niċċa u mxaqilba lejn il-ħajt tal-blast. Il-pedistall tal-istatwa deher maqsum u l-iljun kien maqlugħ minn postu. Malajr ħattejna l-filati tal-ħajt tal-*blast* u ħallejna l-parti t'isfel bħala ċint. Toni Tabone (il-Fixu), li kien is-sagristan, ġieb it-twavel u rfidniehom mannniċċa u bil-mod il-mod żerżaqna l-istatwa 'l isfel mingħajr l-anġli u l-pedistall. Qbadna l-istatwa u ġrejna biha lejn il-bieb tal-knisja ta' Triq San Publju."

Ħadd ma kien jaf x'se jagħmel issa, jissokta Alamango. L-irġiel kollha kienu beżgħana li jiġi attakk ieħor u ssir ħerba akbar. "Fi Triq San Publju kien hemm, biswit id-dar tas-Sur Manwel Buhagiar, ventilatur li kien xeħta ta' kaxxa kbira tas-siment, imdaqqas ġmielu u kien sar biex jagħti l-arja lix-xelter li kien jinfed mill-kantuniera tal-iskola għal dak ta' quddiem il-bieb tal-ġenb tal-knisja. Serraħna l-istatwa fuq dan il-ventilatur. Wieħed Furjaniż kunjomu Bouvet mar jiġri jġib trakk u l-istatwa tgħabbiet fuqu.

L-irġiel kollha ddendlu mat-trakk, iżommu l-istatwa kif setgħu, u rħewlha lejn in-Naxxar. L-Arċipriet tan-Naxxar laqagħhom bil-qalb kollha u sab post għall-istatwa fil-korsija quddiem l-istatwa tal-Vitorja. L-irġiel talbuh jixgħel xemgħa quddiem l-istatwa, u rħewlha lura lejn il-Furjana, moħħhom mistrieħ li issa kienet għall-kenn.

Alamango jtemm it-tifkiriet tiegħu hekk: "Dħalna mill-ġdid fil-knisja tal-Furjana u rajna lill-Arċipriet Ghigo jissielet imxabbat mattwavel biex iġib is-Sagrament mill-ħerba tal-artal maġġur. Meta rnexxielu, baqa' sejjer bis-Santissimu Sagrament dritt lejn il-Knisja ta' Sarria. Fil-21 ta' Jannar 1943 aħna l-fratelli flimkien mar-rettur morna n-Naxxar biex inqimu lill-Patrun tagħna San Publju u tlabnieh biex f'qasir żmien nerġgħu narawh lura l-Furjana. Ix-xewqa tagħna seħħet. L-istatwa nġiebet lura l-Furjana u tpoġġiet fil-kappellun tal-Karmnu biex tibda tissewwa. Konna ksejna s-siġġu ta' taħt l-istatwa b'biċċa safra. Il-mastrudaxxa Toni Muscat ħa f'idejh it-tiswijiet, iżda ma kienx ħobż għal snienu u kompla ħaddieħor."

Verżjoni li tvarja f'xi rqaqat minn din taħieli bil-miktub bid-data tat-28 ta' April, 1983 is-sur John P. Hamilton: "I was appointed Warden of the shelter by Mr. Emm. Tonna who was then the Protection Officer of the district. The said shelter had two entrances, one in Gunlayer Street, and the other in St. Publius Street, facing the side door of the church. I performed such duties after office hours and especially at night when I had to deal with about 80 persons to allow them a place to sleep in."

Dakinhar tat-28 ta' April 1942, jissokta Hamilton, fit-8.00 a.m., kien ħalla x-xelter bħas-soltu fis-7.00 a.m. biex imur id-dar tiegħu, 67 Triq il-Miratur, madwar ħamsin jarda 'l bogħod, biex iħejji ruħu biex imur għax-xogħol. Għall-ħabta tat-7.50 a.m. sema' ilħna ta' nies tax-xelter tiegħu jsejħulu biex jerġa' lura minnufih fix-xelter għax kienu lemħu tliet ajruplani Ġermaniżi (Junkers 88) ġejjin mill-bogħod lejhom.

Huwa ġera lura fix-xelter u talab lil kulħadd fid-daħla tax-xelter biex jinżlu isfel għax tassew li l-ajruplani kienu resqin lejhom. Ilkoll semgħu t-tfaqqiġħ qawwi tal-bombi, iżda ma kinux jafu minn fejn kienu ġejjin. Ingħata s-sinjal li l-attakk għadda u hu ssogra joħroġ mid-daħla ta' Triq San Publju. Kien hemm daħna ta' trab ħieraġ mill-knisja u f'nofs it-triq Hamilton iltaqa' mal-Arċipriet Anglu Ghigo jibki kemm jiflaħ. Ghigo qallu dwar x'kien ġara fil-knisja u xi ġralha l-istatwa.